**Kunsill Lokali Ghasri**
**6 Triq Dun Karm Caruana, Għasri, Għawdex.**
**(Tel. No. 21558686 - Fax No. 21558655)**

*Ref. Nru. VI/35*

Minuti tal-Laqgħa Nru. 35 tal-Kunsill Lokali Għasri (is-Sitt Terminu), li nżammet nhar it-Tlieta, 29 ta' Marzu 2011 fis-7.30p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill.

Il-laqgħa kienet preseduta mis-Sindku s-Sur Andrew Vella.

Membri oħra tal-Kunsill li kienu preżenti :

Is-Sur Emmanuel Mintoff (Viċi Sindku)
Is-Sur Frank Formosa
Is-Sur Joseph Farrugia

Is-Sinj. Renance Vella Aquilina ma setgħetx tattendi għal din il-laqgħa minħabba mpenji oħra. Il-Kunsill aċċetta li hi tkun skużata mil-laqgħa.

## I. Talba

Fil-bidu tal-laqgħa s-Segretarju qal it-talba.

## II. Minuti

### 1. Approvazzjoni

Quddiem il-Kunsill tressqu l-Minuti ta' l-aħħar Seduta Nru. 34. Peress li l-minuti kienu tqassmu qabel il-laqgħa, dawn ġew meħuda bħala moqrija.

### 2. Emendi

Għal dawn il-minuti kif ippreżentati, ma tressqux emendi u għalhekk dawn kienu meħuda bħala korretti. Ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## III. Materji mill-Minuti

### 1. Appell fuq Tenders tal-Knis u Bulky Refuse

Fir-rigward ta' dan l-Appell imressaq minn Bugeja Bros. il-Kunsill Lokali għadu jistenna li tittieħed id-deċiżjoni mill-Bord li sema' l-Appell.

### 2. Enerġija Alternattiva

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-Industrijalist Franz Vieghofer, li kien ressaq suġġerimenti biex jistalla turbine tar-riħ f'Għawdex, kien ġie għall-Konferenza tal-Ġemellaġġi li nżammet ġewwa Malta.
Flimkien miegħu kellha tkun preżenti wkoll għal din il-laqgħa Mrs Karin Gsenger minn Ottenschlag u wkoll kellha tattendi Mrs Gudrun Moggach li hi Awstrijaka iżda residenti fl-Għasri. Il-Konferenza kellha tinżamm fuq jumejn u fl-aħħar ġurnata Franz Vieghofer kellu jiltaqa' mal-Ambaxxatriċi tal-Awstrija għal Malta, s-Sinjura Gudenus

biex ikunu jistgħu jsiru kuntatti fuq livell amministrattiv fir-rigward tal-ħidma għal stallazzjoni ta' turbine tar-riħ f'pajjiżna.

**3. Drenaġġ fil-Wied ta' Feliċi**

Għandu jsir iċċekkjar sewwa ħalli naraw jekk din il-problema kienitx solvuta jew le. L-aħjar ikunu kkuntattjati s-sidien tal-egħlieqi fejn kien qed isaffi d-drenaġġ.

**IV. Korrispondenza**

i. L-AKL bagħtet tinforma li se tinżamm laqgħa għas-Sindki u li għaliha se jkunu jistgħu jattendu l-Viċi Sindki nhar il-20 u 21 ta' Mejju 2011.

ii. Mill-Uffiċċju tal-Kumitat Reġjonali ntbagħtu l-Aġenda u l-Minuti tal-aħħar laqgħa tal-istess Kumitat.

**V. Mozzjonijiet**

**4. Fondi Eko-Għawdex**

L-applikazzjoni għal għajnuna ta' fondi li kienet tressqet minn dan il-Kunsill quddiem il-Ministeru għal Għawdex ma kienitx ġiet aċċettata.
L-applikazzjoni kienet biex isir restawr fil-Fanal ta' Ġordan u l-erja ta' madwaru fejn Transport Malta kienet se tkun involuta u kienet se talloka fondi wkoll biex tgħin f'dan ir-restawr peress li l-bini kollu jinsab fi stat ħażin ħafna.
Sadanittant konna nfurmati li dalwaqt se jinħarġu applikazzjonijiet ġodda u għalhekk il-Kunsill għandu jibda jipprepara biex jitlestew id-dokumenti neċessarji.

**VI Materji Ohra**

**1. Bankina fi Triq Għammar**

Tressqet talba biex tinbena bankina ġdida quddiem id-dar Nru. 53 fi Triq Għammar. Il-Kunsill qabel li din it-talba tkun aċċettata u x-xogħol jista' jinbeda.

**2. Tiswija fi Triq Wied il-Għasri**

Is-Sindku ssuġġerixxa li ssir it-tiswija neċessarja fi Triq Wied il-Għasri. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u kien maqbul ukoll illi jintuża materjal ta' torba bħalma diġa kien intuża bħalu fil-Bajja tad-Dwejra.

**3. Rapport ta' Cilia & Associates**

Quddiem il-Kunsill tressaq ir-rapport li sar mill-uffiċċju tal-Avukati Cilia & Associates. Dan ir-rapport kien ikkommissjonat mill-Kunsill Lokali San Lawrenz u kien biex jistudja l-possibilita li jsir transport pubbliku bejn l-Għasri, l-Għarb u San Lawrenz.
Għaldaqstant, dan il-Kunsill ikkonkluda li peress li aħna ma ordnajna l-ebda rapport, ma narawx għaliex għandna noħorġu parti mill-ispejjeż.

**4. Skart fi Triq l-Għasri**

Is-Sindku qal li rċieva rapport li ripetutament kien qed jintefa' skart ta' kull tip ħdejn il-ġibjuni ta' l-Għasri fil-bidu ta' trejqa għall-egħlieqi fil-Wied tas-Seqer.
Dan l-abbuż se jkun irrapurtat u naraw x'jista' jsir ħalli jinqata' dan l-abbuż.

**5. Bankina fi Triq il-Fanal**

Il-Kunsill unanimament qabel li nitkellmu mal-Perit tal-Kunsill u ninformawh illi jekk mhux se jitlestew id-dokumenti neċessarji ħalli tinħareġ is-sejħa tal-offerti għax-xogħol kollu, se jkollna nikkuntattjaw Perit ieħor. Dan għaliex il-Kunsill diġa ilu madwar sena li aċċetta li jsir ix-xogħol u dan ma jistax isir għaliex il-Perit għadu ma lestiex id-dokumenti biex tinħareġ is-sejħa għall-offerta.
Is-Sindku qal li hemm entitajiet oħra qed jistennew biex tinqala' l-bankina u jsir kanal ħalli jgħaddu l-linji minn ġewwa fih.

**6. *Off-Roading* fuq l-Għolja Ta' Ġordan**
Is-Sur Frank Formosa irraporta li regolarment qed isir "off-roading" ma' l-Għolja ta' Ġordan fejn qed jintużaw diversi nġenji speċjalment is-sibtijiet u Ħdud u f'xi festa pubblika. Hu qal li qed issir ħsara kbira lill-egħlieqi u fl-uċuh tar-raba.
Għandu jsir rapport lill-Mepa u lill-Pulizija.
**7. *Appraisal Report* u *Performance Bonus* lis-Segretarju Eżekuttiv**
Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali, permezz tas-Sur James Catania, Assistant Direttur, bagħat jinforma lil dan il-Kunsill li t-talba biex is-Segretarju Eżekuttiv jingħata l-Performance Bonus kienet milqugħa u wkoll illi l-Appraisal Report kien aċċettat kif ippreżentat.
**8. Tifkira tal-Ħamsin Sena tal-Kunsill Ċiviku f'Għawdex**
Rev. Dr Joseph Bezzina bagħat jinforma li kienu se jsiru kartolini li jfakkru l-Ħamsin sena mit-twaqqif tal-Kunsill Ċiviku f'Għawdex.
Dan is-suġġeriment tressaq ukoll quddiem il-Kumitat Reġjonali għal Għawdex u kif tittieħed deċiżjoni minn dan il-Kumitat, il-Kunsill ikunu jista' jimxi fuq dik id-deċiżjoni.

**VII. Ħlas ta' Kontijiet**
Quddiem il-Kunsill tressqet l-iskeda ta' pagamenti biex ikunu approvati mill-Kunsill.
L-iskeda kif ippreżentata ġiet aċċettata mill-Kunsill.
Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

Il-laqgħa li jmiss ġiet appuntata għal nhar l-Erbgħa 27 ta' April 2011 fis-7.30p.m.

Il-laqgħa tal-lum intemmet fit-9.00p.m.

Andrew Vella
Sindku

Carmelo Grima
A/Segretarju Ezekuttiv

Data : ______________